# Lilek Grigori Rasputin

Smajt bil-bosta dan l-aħħar fuqek
Iddedikawlek ukoll diska,
Għalhekk ma stajtx ma nagħtix kasek
Dad-dawl kollu fuqek kif nista'?

Fetħulha l-kanuni biex fuqek
Jitfgħu b'saħħithom bosta splussiv,
Pinġewk bħala raġel ivvizzjat
Taġixxi bla taħseb, impulsiv.

Qalu li kellek ħafna nisa
Saħansitra saħħart mart il-kżar,
Għamilt minn ħajtek burdellata
Xrobt, skirt, żbilt, innamrajt, lejl u nhar.

L-istorja tgħid li donnok ħaddimt
Xi setgħat fuq 'ċ-ċkejken Alexei,
Ħafna staqsew kif bniedem bħalek
Raħħal, kif sirt setgħani, minfejn?

Fl-aħħar kont il-mira t'għedewwa
Li lilek bil-qabda ma ħamlux,
Dawruk sakemm fl-aħħar temmewlek
Fiss ħajtek, lilek ħaj ma riedux.

Taħsibx li se nkun jien li lilek
Qatt xi darba se niġġudak,
Dak jarah il-Mulej Missierna
Wara kollox kien hu li jarak.

Minn naħa tiegħi għalik nitlob
Għamilt x'għamilt int t'Alla iben,
Taħsibx li se noqgħod nitkaża
Meta jissemma tiegħek l-isem.

Insemmik biss ma' Kristu Sidna
Kull darba li nqaddes fuq l-artal,
Hu bil-merti tiegħu jeħilsek
Għalik ta ħajtu u sar battal.

Millum 'il hemm fis-skiet ta' ħajti
Kemm fadalli ngħix f'din l-art, f'kull ħin,
"Mulej agħti l-mistrieħ ta' dejjem
Lil ħuna Girgori Rasputin".

Patri Mario Attard OFM Cap

12 ta’ Lulju 2024

Ibierkek Alla li jista’ kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.